TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 80/18/F

**Caterina Zahra**

**vs**

**Mosta Electronics Centre**

Illum 12 ta' Frar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Mejju, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u għoxrin Ewro (€220), rappreżentanti l-prezz ta' televixin li wara ħames xhur li kien ilu għandha, ġralu l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat televixin mingħand id-ditta ntimata, u wara ħames xhur dana kellu l-ħsara u ma baqax jaħdem.

L-intimat issottometta li meta ħadu biex jissewwa, xamm riħa ta' awrina tal-qtates li jirriżulta li l-qattus ikun għamel awrina fuq it-televixin u dan daħal ġot-televixin, bil-konsegwenza li kkawża l-ħsara, u li dan ġie kkonfermat ukoll mit-technician tas-soċjeta' ntimata.

It-Tribunal, tenut kont ta' dawn iż-żewġ verżjonijiet konfliġenti, qiegħed jemmen ix-xhieda tas-soċjeta' ntimata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888